# 28. Ix-Xitla tal-Qamħ

Meta x-xitla tal-qamħ titbiel u tinxef,
u ssir ħuxlief u tiben, in-nies jgħidu
li mietet, u bil-minġel fl-art jitfugħa
sew sew bħall-Mewt.

In-nies ma jgħidux sew; tal-qamħ ix-xitla
qabel ma tinxef tagħmel bħal miraklu:
tiġbor saħħitha kollha, z-zokk, il-weraq,
l-għeruq, l-għekiesi,

Il-ħajja u kull ma għandha, u ġewwa l-qamħa
trosshom sew sew, u dik il-qamħa ċkejkna
tinżel taħt l-art biex terġa' ttella' x-xitla
tal-qamħ il-ġdida;

Sew sew bħax-xemx li togħd's fil-baħar aħmar
fl-għaxija fil-punent biex tinbet l-għada,
u toħroġ rasha ħamra f'xefaq abjad
u ma tmut qatt!